MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 800/2003

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Albert P.Camilleri u
l-istess Albert.P.Camilleri
vs
Mark Anthony Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-atturi li bih jissottomettu illi l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-Marsa fis-17 ta' Lulju, 2003 bejn Tata Sierra bin-numru ta' registrazzjoni DAD 662 misjuqa mill-attur Camilleri u Fiat 126 bin-numru ta' registrazzjoni LAM 568 misjuqa mill-konvenut;

L-atturi talbu ukoll illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas d-danni kagunati fl-ammont ta’ mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezimu (Lm243,38) lill-Untours Insurance Agents Ltd noe. u lill-attur Albert P.Camilleri hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM25).

Ra r-risposta tal-konvenut li fiha sostna li ma kienx responsabbli ghall-incident li sehh fl-avviz, izda li invece sehh tort tal-attur u dan minhabba imperizja u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ dan;

Illi b’digriet ta’ dan it-Tribunal tal-10 ta’ Lulju, 2003 intervjeniet fil-kawza is-socjeta’ Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Norwich Union International Insurance Limited fejn gie eccepiet illi l-konvenut ma kienx kopert mill-polza ta’ assikurazzjoni relattiva u dan stante illi ma kienx il-persuna awtorizzata li jsuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAM 568 fil-hin tal-incident u ghalhekk l-istess socjeta’ ghandha tigi ezonerata milli taghmel tajjeb ghal kwalunkwe ammont illi jista’ talvolta jirrizulta bhala dovut lill-atturi;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra x-xhieda tal-attur Albert P. Camilleri li ighid li fis- 17 ta’ Lulju, 2002 kien sejjer bil-vettura tieghu DAD 662 fid-direzzjoni ta’ Hal Luqa u waqt li kien ghaddej minn hdejn l-istabbiliment Roger Camilleri, kien fir-raba’ karreggjata li taghti mix-xellug ta’ l-istess stabbiliment. Ried imur Hal Luqa, billi jikser fuq il-lemin biex jibqa’ sejjer fid-direzzjoni tac-cimiterju. Il-mara tieghu kienet riekba fl-istess vettura fuq wara u fil-pront semghu hoss u huwa irrejalizza li kienu dahlu fuqu;

Jispjega li waqaf ftit ‘l quddiem, parallel ma’ “dik li taghmel t-tazzi”. Il-karozza li dahlet f’tieghu waqqfet ukoll. Kellu daqqa mal-wara tal-bumper, fuq ix-xellug, mir-rota ta’ wara lura. Mad-daqqa, l-attur Camilleri ighid li ra lill-konvenut jaqla’ ‘l barra u l-vettura ta’ dan ta’ l-ahhar waqfet warajh;

L-attur Camilleri xehed li kellu jhallas Lm25 *excess* mentri gie rimborsat ghall-hsarat mis-socjeta' attrici;

In kontro-ezami x-xhud ighid li l-konvenut laqtu bil-lemin tal-vettura li kien qed isuq u fuq quddiem;

Il-pulizija marru fuq il-post, pero' ma kienux ghamlu skizz peress li ma sabux il-vetturi kif kienu fil-mument tal-habta. Kien mar ukoll xi hadd mic-Civil Protection li tefa' r-ramel fit-triq, pero' ma kienx jaf f'liema karreggjata. Pero' r-ramel intefa' warajhom u mhux quddiemhom;

L-attur jinsisti li hu dejjem baqa' fil-*lane* tieghu u fl-ebda hin ma kien skiddja. Kien baqa' fir-raba' *lane*, hekk kif qabez il-*bridge* li hemm fejn id-dhul ghal Marsa Sports Ground;

Ra x-xhieda ta' Carmen Camilleri li hija mart l-attur u li xehdet li kienet riekba fuq in-naha ta' wara tal-vettura, fuq in-naha tax-xellug. Waqt li kienu fil-*lane* tal-ajruport biex jitilghu Hal Luqa biex iwasslu lit-tifla u kienu ilhom f'dik il-lane meta f'salt wiehed semghet hoss fuq wara. Meta semghet dan il-hoss gia' kienu skapulaw l-istabbiliment ta' Roger Camilleri u kienu gew fid-dritta. Kien hemm daqqa fuq il-bumper fuq in-naha ta' wara max-xellug;

Tghid li tiftakar li kienu gew tal-Protezzjoni Civili u wadbu xi ramel fit-triq, izda tghid li nfurmawhom li ma kien hemm xejn;

Ra x-xhieda ta' David Wright li huwa *claims officer* mas-socjeta' attrici. Waqt li kkonferma d-dokumenti a fol.2 sa' 7, jikkonferma ukoll li l-attur kien hallas Lm25 *excess*, li tnaqqas mill-ammont li hallsu huma. Hallsu l-ispejjes huma u gew surrogati fid-drittijiet tieghu;

Ra x-xhieda ta' Anthony Pisani, f'isem id-Direttur tal-Protezzjoni Civili li jistqarr li kien hemm bzonn tal-ghajnuna taghhom fis-17 ta' Lulju, 2002 minhabba li kienet sehhet kollizzjoni fi Triq Aldo Moro, Marsa. Jikkonferma li kienu marru fuq il-post Lawrence Formosa u Alex Zammit;

Ra x-xhieda ta’ Alex Zammit  f’isem id-Direttur tal-Protezzjoni Civili, li jikkonferma li ma jiftakar xejn fuq l-incident;

Ra x-xhieda ta’ Lawrence Formosa f’isem id-Direttur tal-Protezzjoni Civili, li jispjega li kienu marru fuq il-post tal-incident minhabba li kien hemm bzonn jintefa xi ramel minhabba li kien hemm xi zjut fl-art. Il-hin indikat fir-rapport huwa l-hin li hargu mill-i*station*;

Ra x-xhieda ta’ PC 767 Ismael Vassallo, li jikkonferma li hu ma kienx ghamel skizz peress li kien hemm iz-zejt mal-art, fil-kisra u hass li kien aktar importanti li  inehhu l-periklu milli jaghmlu skizz. Ighid ukoll illi irrizultalu li bid-daqqa l-vetturi ma waqqfux u mal-impatt baqqghu miexjin.

Fil-vettura DAD 662, id-daqqa kienet fuq wara fuq ix-xellug u fuq il-*mudguard* u l-*bumper*.

Fil-vettura LAM 568, kien hemm hsara fil-bieba tal-lemin fuq quddiem u l-bieba ta’ wara;

Jispjega ukoll li kien ra roqgha *diesel* mal-art, izda fl-opinjoni tieghu z-zejt ma kienx kagun tal-habta;

Ikkunsidra;

It-Tribunal ser ikollu jibbaza is-sentenza tieghu fuq ix-xhieda prodotta mis-socjeta’ attrici et. u dan minhabba li l-konvenut, minkejja li pprezenta l-affidavit tieghu flimkien ma’ xi dokumentazzjoni, naqas kemm il-darba sabiex jidher ghal kontro-ezami u per konsegwenza dan it-Tribunal kellu jordna l-isfilz tal-istess;

Il-verzjoni tal-attur, kkorroborata minn dik ta’ martu hija li kien qed isuq il-vettura tieghu li ggib in-numru ta’ registrazzjoni DAD 662 fid-direzzjoni lejn Hal Luqa u kien fir-raba’ *lane* li taghti mix-xellug ta’ l-istabbiliment ta’ Roger Camilleri. Ighid li ried imur Hal Luqa,  billi jikser fuq il-lemin biex jibqa’ sejjer fid-direzzjoni tac-cimiterju. Il-mara

kienet riekba wara u fil-pront semghu hoss u indunaw li kienu dahlu fuqu;

Mir-rapport tal-Pulizija, li huwa l-unika prova tal-verzjoni li ta l-konvenut jirrizulta li effettivament il-vettura misjuqa mill-attur kienet tinsab fuq il-lemin tieghu u kienet quddiemu. Ittenta jevita l-incident meta jsostni li l-attur qabez il-linja, hu ghafas il-brake, izda sehh l-impatt;

It-Tribunal ifakkar li l-vettura li tinsab wara ghandha l-obbligu li thares u tosserva l-movimenti tal-vettura li tinsab quddiem apparti milli izzomm distanza ragjonevoli. Fic-cirkostanzi tal-kaz, kif jirrizultaw mix-xhieda tal-attur Camilleri u martu, il-konvenut, fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, fil-fehma tat-Tribunal, seta' facilment jipprevedi x'kienet ser tkun il-manuvra tal-vettura misjuqa mill-attur u dan b'mod li seta' jevita' l-incident;

L-attur, kif ukoll martu jikkonfermaw li dejjem baqghu fir-raba' karreggjata u dan minn meta qabzu l-*bridge* hdejn il-Marsa Sports Club u meta sehh l-impatt ma kienux f'xi liwja izda diga' kienu fid-dritt;

Inoltre, id-deskrizzjoni tal-hsarat li garrbu z-zewg vetturi tikkonferma t-tezi attrici. Il-vettura ta'l-attur garrbet hsara fuq wara fuq ix-xellug u fuq il-*mudguard* u l-*bumper* dejjem fuq in-naha ta' wara, filwaqt li l-vettura tal-konvenut kellha hsara fil-bieba tal-lemin fuq quddiem u l-bieba ta' wara (rear right mudguard). Il-hsarat fil-vettura ta'l-attur huma aktar lokalizzati fis-sens li huma kollha wara fuq ix-xelluq, izda tal-konvenut jibdew minn quddiem u jibqghu sejrin ghal wara;

Dan jaghti lok ghal istess interpretazzjoni moghtija mill-attur li d-daqqa giet minn wara u mal-impatt l-vettura tal-konvenut baqqghet miexja, tant li garrbet hsarat anke fuq il-*mudguard* tal-lemin u fuq wara;

Dwar l-ipotesi li l-attur seta' skiddja fuq xi zejt li kien jinsab fit-triq u dan a bazi tat-tezi li kien hemm xi tip ta' *residue* fit-triq li seta' kkontribwixxa ghall-incident, l-provi mressqa f'dan is-sens ma jwasslux lit-Tribunal ghal din il-

konkluzzjoni. Dana primarjament ghaliex l-attur stess jinnega li hu seta' skiddja u per konsegwenza sehh l-incident u fit-tieni lok, il-pulizija li xehed eskluda li dan iz-zejt jew *diesel* li kien hemm fit-triq seta' kkaguna l-incident;

Il-verzjoni moghtija mill-attur li l-konvenut semplicement saq ghal fuqu minn wara hija aktar verosimili. Lanqas hemm provi sabiex jikkontradixxu din il-verzjoni minn naha tal-konvenut, tant li t-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jikkonferma dawn il-provi migbura quddiemu;

Jibqa' biex jigi kkonstatat l-"quantum tad-danni." Ghal darb'ohra, il-konvenut naqas milli jikkontesta l-ammont pretiz li jammonta ghal mitejn tlieta u erbghin lira Maltin, tmienja u tletin centezmu (Lm243.38) mis-socjeta' attrici li giet issurrogata fid-drittijiet ta'l-attur, kif ukoll hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) l-*excess* li hallas l-attur Albert Camilleri. Fn-nuqqas ta' din il-kontestazzjoni, it-Tribunal jikkonferma l-ammonti reklamati bhala danni, li gew ikkonfermati ukoll permezz tad-dokumentazzjoni relattiva;

Fl-ahharnett, ghall-ekonomija tal-gudizzju qed jigi ddikjarat li l-intervenut fil-kawza u cioe' s-socjeta Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited qed tigi ezonerata milli taghmel tajjeb ghad-danni kkagunati fil-incident awtomobilistiku, mertu tal-kawza odjerna u dan stante illi gew prodotti provi li l-konvenut ma kienx kopert mill-polza ta' assikurazzjoni relattiva u ghalhekk kien persuna mhux awtorizzata illi ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAM 568 fil-hin tal-incident;

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------